32001R1879

27.9.2001 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 258/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1879/2001

tas-26 ta' Settembru 2001

li jemenda l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għall-istabbilment ta' limiti massimi ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali

(Test b'relevanza għaz- ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għat-twaqqif ta' limiti massimi ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterenarji fi prodotti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali ([1]), kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1680/2001 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 dwar dan,

Billi:

(1) B'mod konformi mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, limiti massimi ta' residwi jridu jiġu stabbiliti progressivament għas-sostanzi kollha li huma farmakoloġikament attivi li jintużaw fil-Komunità fi prodotti mediċinali veterinarji maħsuba biex jingħataw lill-annimali li jipproduċu l-ikel;

(2) Limiti massimi ta' residwi għandhom jiġu stabbiliti biss wara li ssir eżaminazzjoni fi ħdan il-Kumitat għal-Prodotti Mediċinali Veterenarji ta' l-informazzjoni relevanti kollha dwar is-sigurtà ta' residwi tas-sostanza kkonċernata għall-konsumatur ta' prodotti ta' l-ikel ġejjin mill-annimali u l-impatt ta' residwi fuq l-ipproċessar industrijali ta' prodotti ta' l-ikel.

(3) Filwaqt li jkunu qegħdin jiġu stabbiliti l-limiti ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti ta' l-ikel ġejjin mill-annimali, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-ispeċi ta' annimali li fihom jistgħu jkunu preżenti xi residwi, il-livelli li jistgħu jkunu preżenti f'kull waħda mit-tessuti tal-laħam relevanti miksuba mill-annimal ittrattat (tessut bersal) u n-natura tar-residwu li huwa relevanti għal-monitoraġġ tar-residwi (residwu markatur)

(4) Għall-kontroll ta' residwi, kif stabbilit fil-legislazzjoni xierqa tal-Komunità, il-limiti massimi ta' residwi għandhom normalment jiġu stabbiliti għat-tessuti bersalji ta' fwied jew kliewi. Madankollu, il-fwied u l-kliewi huma spiss imneħħija mill-karkassi li jkunu qegħdin jiġu spustati fil-kummerċ internazzjonali, u l-limiti massimi ta' residwi, għandhom għalhekk dejjem jiġu stabbiliti fir-rigward ta' tessuti ta' muskolu jew ta' grass.

(5) Fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji maħsuba biex jintużaw fuq għasafar li jbidu, annimali li jagħtu l-ħalib jew naħal ta' l-għasel, iridu jiġu stabbiliti limiti massimi ta residwu għall-bajd, ħalib u għasel.

(6) Il-Vitamina A għandha tiġi mdaħħla fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90;

(7) Billi għandu jingħata perjodu adegwat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jippermetti l-Istati Membri biex jagħmlu xi bidliet li jistgħu jkunu meħtieġa għall-awtorizzazzjonijiet li ngħataw b'mod konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 81/851/KEE ([3]), kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2000/37/KEE ([4]), sabiex jittieħed akkont tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament biex jitpoġġew il-prodotti mediċinali veterinarji konċernati fis-suq;

(8) Il-miżuri mniżżla f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat Permanenti dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT IR-REGOLAMENT LI ĠEJ:

L-Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 hu emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mis-60 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

([1]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 1.
([2]) ĠU L 227, tat-23.8.2001, p. 33.
([3]) ĠU L 317, tas-6.11.1981, p. 1.
([4]) ĠU L 139, ta' l-10.6.2000, p. 25.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 2001.

Għall-Kummissjoni
Erkki LIIKANEN
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

L-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 huwa emendat kif ġej:

2. Komposti organiċi

Sustanza farmakoloġikament attiva	Speċi ta' annimali	Dispożizzjonijiet oħrajn
"Vitamina A	L-ispeċi kollha li jipproduċu l-ikel"	